



Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
ĊAPETA

ippreżentati fit-28 ta' April 2022¹

Kawżi magħquda C-164/21 u C-318/21

SIA Baltijas Starptautiskā Akadēmija

vs

Latvijas Zinātnes padome (C-164/21)

(talba għal deċiżjoni preliminari mill-Administrattivā rajona tiesa (il-Qorti Amministrattiva Distrettwali, il-Latvja))

u

SIA Stockholm School of Economics in Riga

vs

Latvijas Zinātnes padome (C-318/21)

(talba għal deċiżjoni preliminari mill-Administrattivā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 651/2014 – Artikolu 2(83) – Għajnuna għar-riċerka, għall-iżvilupp u għall-innovazzjoni – Kunċett ta' organizzazzjoni tar-riċerka – Istituzzjoni ta' edukazzjoni oġhla li teżerċita attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi – Determinazzjoni tal-attività primarja”

I. Introduzzjoni

1. L-istituzzjonijiet privati ta' edukazzjoni oġhla jistgħu jitqiesu bħala organizzazzjonijiet ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien? Din hija l-essenza tad-domandi magħmula mill-Administrattivā rajona tiesa (il-Qorti Amministrattiva Distrettwali, il-Latvja) u mill-Administrattivā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja).

2. B'mod iktar speċifiku, fiż-żewġ kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna tinterspreta l-kunċett ta' “organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien” kif stabbilit fl-Artikolu 2(83) tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (iktar 'il-“GBER”)².

¹ Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

² Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 [TFUE] (ĠU 2014 L 187, p. 1). Verżjoni kkonsolidata ġuridikament mhux vinkolanti tista' tiġi kkonsultata fuq l-indirizz internet: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/651/2021-08-01>.

II. Il-kuntest ġuridiku

3. L-Artikolu 1(1)(d) tal-GBER jipprovdi li dan japplika, *inter alia*, għall-għajnuna għar-riċerka, għall-iżvilupp u għall-innovazzjoni.

4. Meta jispeċifika iktar il-kunċetti relatati ma' din il-kategorija ta' għajnuna, l-Artikolu 2(83) tal-GBER jiddefinixxi "organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien" bħala: "entità (bħal universitajiet jew istituti ta' riċerka, aġenziji tat-trasferiment tat-teknoloġija, intermedjarji ta' innovazzjoni, entitajiet kollaborattivi fiżiċi u/jew virtwali orjentati lejn ir-riċerka), ikun xi jkun l-istat legali tagħha (organizzata skont il-liġi pubblika jew privata) jew il-mod ta' finanzjament, li l-iskop ewlieni tagħha jkun li twettaq riċerka fundamentali, riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali jew li xxerred b'mod wiesa' r-riżultati ta' attivitajiet bħal dawn permezz tat-tagħlim, il-pubblikazzjoni jew it-trasferiment tal-għarfien. Meta din l-entità tiżvolġi wkoll attivitajiet ekonomiċi, il-finanzjament, l-ispejjeż u d-dħul ta' dawn l-attivitajiet ekonomiċi jridu jitqiesu b'mod separat. L-intrapriżi li jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq entità bħal din, pereżempju fil-kapaċità tagħhom bħala azzjonisti jew membri, jaf ma jgawdu l-ebda aċċess preferenzjali għar-riżultati ġġenerati minnha".

III. Il-fatti tal-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

5. Iż-żewġ kawżi quddiem il-qorti tar-rinviju għandhom fatti kważi identiċi: ir-rikorrenti huma t-tnejn istituzzjonijiet privati ta' edukazzjoni oġhla li applikaw rispettivament għal żewġ sejħiet differenti mnedija mil-Latvijas Zinātnes padome (il-Kunsill tax-Xjenza Latvjan) għall-finanzjament ta' proġetti ta' riċerka.

6. Fiż-żewġ każijiet, il-Kunsill tax-Xjenza Latvjan ċaħad l-applikazzjonijiet bħala ineliġibbli, peress li r-rikorrenti parzjalment eżerċitaw attivitajiet ekonomiċi.

7. Iż-żewġ sejħiet għal proposti ta' proġetti tfasslu skont il-Ministru kabineta 2017. gada 12. decembra noteikumi Nr. 725 "Fundamentālo un lietišķo pētījumu projektu izvērtēšanas un finansējuma administrēšanas kārtība" (id-Digriet Nru 725 tal-Kunsill tal-Ministri tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-proposti ta' riċerka fundamentali u applikata u għall-amministrazzjoni tal-finanzjament tagħhom (iktar 'il quddiem id-"Digriet Nru 725").

8. Skont id-Digriet Nru 725, sabiex ikun eliġibbli għall-finanzjament tar-riċerka, il-proġett għandu jitwettaq minn istituzzjoni xjentifika elenkata fir-Reġistru tal-Istituzzjonijiet Xjentifiċi li, irrispettivament mill-istatus legali tagħha (organizzata taħt id-dritt pubbliku jew privat) jew mill-mod li bih hija ffinanzjata taħt id-dispożizzjonijiet legali li jirregolaw l-attivitajiet tagħha (statuti, regolamenti interni jew strument kostitwenti), twettaq prinċipalment attivitajiet li huma ta' natura mhux ekonomika u tissodisfa d-definizzjoni ta' "organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien" taħt l-Artikolu 2(83) tal-GBER.

A. Kawża C-164/21

9. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, SIA Baltijas Starptautiskā Akadēmija, tipprovdi servizzi akkademiċi u mhux akkademiċi ta' edukazzjoni oġhla. Hija istituzzjoni ta' edukazzjoni oġhla akkreditata, li topera skont il-Komercilikums (il-Kodiċi Kummerċjali) safejn dan tal-aħħar ma

jmurx kontra l-Augstskolu likums (il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Ogħla). Wieħed mill-oqsma ta' attività definiti tar-rikorrenti huwa attivitajiet xjentifiċi. Ir-rikorrenti hija elenkata fir-Reġistru tal-Istituzzjonijiet Xjentifiċi.

10. B'deċiżjoni tat-23 ta' Jannar 2020, il-Kunsill tax-Xjenza Latvjan approva r-regolament li jirregola s-sejħa ġenerali għal proġetti ta' riċerka fundamentali u applikata għall-2020 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar is-Sejħa") li għaliha r-rikorrenti ssottomettiet proposta ta' proġett.

11. B'deċiżjoni tal-14 ta' April 2020, il-Kunsill tax-Xjenza Latvjan ċaħad din il-proposta ta' proġett minħabba li r-rikorrenti ma hijiex istituzzjoni xjentifika fis-sens tad-Digriet Nru 725.

12. Skont il-proposta ta' proġett, fl-2019, il-proporzjon tad-dħul mill-bejgħ irrappreżentat minn attivitajiet mhux ekonomiċi meta mqabbel ma' attivitajiet ekonomiċi kien ta' 95 % kontra 5 %. Madankollu, 84 % tad-dħul mill-bejgħ totali kien jinkludi miżati għal attivitajiet akkademiċi li, minħabba n-natura tal-attivitajiet imwettqa mir-rikorrenti (kumpannija b'responsabbiltà limitata li l-għan ewlieni tagħha huwa li tagħmel profitt), jikkostitwixxu attivitajiet ekonomiċi. L-attività prinċipali tar-rikorrenti hija għalhekk, skont il-Kunsill tax-Xjenza Latvjan, kummerċjali.

13. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkontestat din iċ-ċaħda quddiem il-qorti tar-rinviju, billi sostniet li r-riċerka indipendenti tikkostitwixxi l-attività prinċipali tagħha. Ir-rikorrenti targumenta li la l-GBER u lanqas ir-Regolament dwar is-Sejħa ma jistipulaw li applikant ma jistax iwettaq attivitajiet ekonomiċi u jagħmel profitt minnhom; dawn lanqas ma jistabbilixxu liema proporzjon ta' attivitajiet għandu jkun ekonomiku u liema proporzjon għandu jkun mhux ekonomiku. Ir-rikorrenti ssostni li hija tissepata b'mod ċar l-attivitajiet prinċipali li huma ta' natura mhux ekonomika minn dawk li huma ekonomiċi.

14. Fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri, l-Administrativā rajona tiesa (il-Qorti Amministrattiva Distrettwali) għamlet id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

- “1) Organu (tad-dritt privat) li jeżerċita diversi attivitajiet prinċipali, fosthom ir-riċerka, iżda li d-dħul tiegħu jiġi fil-parti l-kbira tiegħu mill-provvista ta' servizzi ta' taġħlim bi ħlas, jista' jiġi kklassifikat bħala entità fis-sens tal-Artikolu 2(83) ta[l-GBER]?”
- 2) Huwa ġġustifikat li jiġi applikat ir-reqwizit dwar il-proporzjon ta' finanzjament (dħul u infiq) tal-attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi sabiex jiġi ddeterminat jekk l-entità kkonċernata tissodisfax ir-reqwizit stipulat fl-Artikolu 2(83) ta[l-GBER], skont liema l-għan ewlieni tal-entità huwa li teżerċita, b'indipendenza sħiħa, attivitajiet ta' riċerka fundamentali, ta' riċerka industrijali jew ta' żvilupp sperimentali, jew li xxerred b'mod wiesa' r-riżultati ta' dawn l-attivitajiet permezz ta' taġħlim, ta' pubblikazzjonijiet jew ta' trasferiment ta' għarfien? Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, liema jkun il-proporzjon xieraq ta' finanzjament tal-attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi sabiex jiġi ddeterminat l-għan prinċipali tal-attivitajiet tal-imsemmija entità?
- 3) Huwa ġġustifikat, skont l-Artikolu 2(83) ta[l-GBER], li jiġi applikat ir-reqwizit skont liema d-dħul mill-attività prinċipali għandu jiġi investit mill-ġdid fl-attività prinċipali tal-entità kkonċernata, u għandhom jiġu evalwati aspetti oħrajn sabiex ikun jista' jiġi ddeterminat b'mod korrett l-għan prinċipali tal-attivitajiet tal-offerent? L-użu tad-dħul iġġenerat (investit mill-ġdid fl-attività prinċipali jew, pereżempju, fil-każ ta' fundatur privat, imħallas fil-forma ta' dividendi lill-azzjonisti) ibiddel tali evalwazzjoni anki jekk il-biċċa l-kbira tad-dħul kien ġej minn spejjeż skolastiċi?

- 4) L-istatus legali tal-membri tal-offerent jikkostitwixxi element essenzjali sabiex jiġi evalwat jekk l-imsemmi offerent jissodisfaw id-definizzjoni msemmija fl-Artikolu 2(83) tal-[GBER], jiġifieri jekk din hijiex kumpanija kkostitwita skont id-dritt kummerċjali sabiex teżerċita attività ekonomika (bi ħlas) għal finijiet ta' lukru (Artikolu 1 tal-Kodiċi Kummerċjali) jew il-membri jew l-azzjonisti tagħha humiex persuni fiżiċi jew ġuridiċi bi skop ta' lukru (inkluża l-provvista ta' servizzi ta' taġġim bi ħlas) jew maħluqa għal għan mhux ta' lukru (pereżempju, bħala assoċjazzjoni jew fondazzjoni)?
- 5) Il-proporzjon ta' studenti nazzjonali u ta' dawk tal-Istati Membri tal-Unjoni meta mqabbel ma' dak ta' studenti barranin (li ġejjin minn pajjiżi terzi, li ma jagħmlux parti mill-Unjoni Ewropea) u l-fatt li l-għan tal-attività prinċipali eżerċitata mill-offerent jikkonsisti f'li jiġi pprovdut lill-istudenti taġġim superjuri u kwalifika kompetittivi fis-suq internazzjonali tax-xogħol li jissodisfaw ir-rekwiżiti internazzjonali attwali (Artikolu 5 tal-istatut tal-offerent) jikkostitwixxu element essenzjali sabiex tiġi evalwata n-natura ekonomika tal-attivitàjiet tal-offerent?"

15. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-partijiet fil-kawża prinċipali, mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u mill-Kummissjoni Ewropea.

B. Kawża C-318/21

16. Fit-22 ta' Mejju 2019, il-Kunsill tax-Xjenza Latvjan approva r-regoli li jirregolaw sejħa għal proġetti ta' riċerka fundamentali u applikata għall-2019 u nieda sejħa għal proġetti, li għaliha r-rikorrenti, SIA Stockholm School of Economics in Riga, issottomettiet proposta ta' proġett.

17. B'deċiżjoni tal-Kunsill tax-Xjenza Latvjan tad-19 ta' Settembru 2019, il-proposta tal-proġett ġiet miċħuda minħabba li ma kinitx tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fid-Digriet Nru 725. Din id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq il-fatt li 34 % tal-attivitàjiet tar-rikorrenti kienu mhux ekonomiċi meta mqabbla ma' 66 % li kienu ekonomiċi. Il-Kunsill tax-Xjenza Latvjan għalhekk iddeċieda li l-attività prinċipali tar-rikorrenti kienet ta' natura kummerċjali u li ma setax jiġi kkonstatat li l-għan ewlieni tagħha kien li twettaq b'mod indipendenti riċerka fundamentali, riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali jew li xxerred b'mod wiesa' r-riżultati ta' attivitàjiet bħal dawn permezz tat-taġġim, tal-pubblikazzjoni jew tat-trasferiment tal-għarfien.

18. Ir-rikorrenti kkontestat din id-deċiżjoni billi sostniet li hija tissodisfa r-rekwiżiti imposti mid-Digriet Nru 725 peress li kienet elenkata fir-Reġistru tal-Istituzzjonijiet Xjentifiċi u l-attività prinċipali tagħha kienet ta' natura mhux ekonomika. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ppreżentat dokumenti sabiex juru li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji pprovduti mill-attività prinċipali kienu separati mill-attivitàjiet ekonomiċi u li l-profitti mill-attivitàjiet ekonomiċi tar-rikorrenti kienu investiti mill-ġdid fl-attività prinċipali tal-istituzzjoni ta' riċerka.

19. Permezz ta' sentenza tat-8 ta' Ġunju 2020, l-Administratīvā rajona tiesa (il-Qorti Amministrattiva Distrettwali) ċaħdet dan ir-rikors. Skont dik il-qorti, ir-rapport dwar id-dħul mill-bejgħ għall-2018 juri li l-attivitàjiet ekonomiċi tar-rikorrenti jirrappreżentaw proporzjon ikbar tad-dħul u tal-ispejjeż minn dawk tal-attivitàjiet mhux ekonomiċi tagħha. Hija għalhekk qieset li r-rikorrenti ma hijiex istituzzjoni xjentifika eliġibbli sabiex tirċievi finanzjament mill-Istat għal riċerka fundamentali u applikata.

20. Ir-rikorrenti appellat mis-sentenza tal-Administratīvā rajona tiesa (il-Qorti Amministrattiva Distrettwali) quddiem il-qorti tar-rinviju. F'dan il-kuntest, id-domandi magħmula f'din il-kawża lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali) huma kif ġej:

- “1) Il-punt 83 tal-Artikolu 2 ta[l-GBER] għandu jiġi interpretat fis-sens li entità (bħal università jew istitut ta' riċerka, aġenzija ta' trasferiment ta' teknoloġiji, intermedjarji fl-innovazzjoni jew entitajiet ta' kollaborazzjoni fiżiċi jew virtwali bbażati fuq ir-riċerka) li wieħed mill-għanijiet tagħha huwa li teżerċita, b'mod indipendenti, attivitajiet ta' riċerka fundamentali, ta' riċerka industrijali jew ta' żvilupp sperimentali, jew li xxerred b'mod wiesa' r-riżultati ta' dawn l-attivitajiet permezz ta' tagħlim, il-pubblikazzjoni jew it-trasferiment ta' għarfien, iżda li l-parti l-kbira tal-finanzjament proprju tagħha huwa magħmul minn dħul li joriġina minn attivitajiet ekonomiċi, tista' tiġi kkunsidrata bħala organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien?
- 2) Huwa ġġustifikat li jiġi applikat ir-rekwiżit ta' proporzjon ta' finanzjament (dħul u spejjeż) li joriġinaw minn attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi sabiex jiġi ddeterminat jekk l-entità tosservax l-obbligu previst fil-punt 83 tal-Artikolu 2 ta[l-GBER] skont liema l-għan prinċipali tal-attivitajiet tal-entità huwa li jiġu eżerċitati, b'mod indipendenti, attivitajiet ta' riċerka fundamentali, ta' riċerka industrijali jew ta' żvilupp industrijali jew ta' żvilupp sperimentali, jew it-tixrid b'mod wiesa' tar-riżultati ta' dawn l-attivitajiet permezz tat-tagħlim, tal-pubblikazzjoni jew tat-trasferiment ta' għarfien?
- 3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, liema għandu jkun il-perċentwali ta' finanzjament maqsum bejn l-attivitajiet ekonomiċi u l-attivitajiet mhux ekonomiċi sabiex jiġi stabbilit jekk l-għan tal-entità huwiex li jiġu eżerċitati, b'mod indipendenti, attivitajiet ta' riċerka fundamentali, ta' riċerka industrijali jew ta' żvilupp industrijali jew ta' żvilupp sperimentali, jew it-tixrid b'mod wiesa' tar-riżultati ta' dawn l-attivitajiet permezz tat-tagħlim, tal-pubblikazzjoni jew tat-trasferiment ta' għarfien?
- 4) Ir-regola li tinsab fil-punt 83 tal-Artikolu 2 ta[l-GBER], skont liema l-impriża li jistgħu jeżerċitaw influwenza determinanti fuq l-entità li tipproponi l-proġett, pereżempju, fil-kapaċità tagħhom bħala azzjonisti jew membri ta' din, jistgħu ma jibbenefikawx minn aċċess privileġġjat għar-riżultati li tipproduċi, għandha tinftiehem fis-sens li l-membri jew l-azzjonisti tal-imsemmija entità jistgħu jkunu jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi bi skop ta' lukru (inkluż il-provvista ta' servizzi edukattivi bi ħlas), jew persuni kkostitwiti mingħajr skop ta' lukru (bħal assoċjazzjoni jew fondazzjoni)?”

21. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-partijiet fil-kawża prinċipali u mill-Kummissjoni Ewropea.

IV. Analiżi

22. Kif mitlub mill-Qorti tal-Ġustizzja, fl-analiżi tiegħi ser niffoka fuq l-ewwel żewġ domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-164/21 u fuq l-ewwel tliet domandi magħmula fil-Kawża C-318/21.

23. Essenzjalment, dawn iż-żewġ settijiet ta' domandi jitolbu l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(83) tal-GBER sabiex jgħinu lill-qrati tar-rinviju jiddeċiedu jekk istituzzjoni privata ta' edukazzjoni oġġla, iffinanzjata prinċipalment permezz ta' miżati għal servizzi akkademiċi, tistax tiġi kkunsidrata bħala "organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Il-qrati tar-rinviju jistaqsu wkoll jekk il-proporzjon ta' finanzjament ta' attivitajiet ekonomiċi fil-konfront ta' attivitajiet mhux ekonomiċi huwiex rilevanti meta jiġi ddeterminat l-għan ewlieni ta' din l-organizzazzjoni.

24. Jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għal dawn id-domandi. Ser nispjega l-pożizzjoni tiegħi fit-Taqsima IV.A. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi mod ieħor, ser nipprovdi r-risposti għad-domandi msemmija fit-Taqsima IV.B.

A. Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

1. Il-GBER ma huwiex applikabbli bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni

25. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dritt tal-Unjoni fil-proċedura għal deċiżjoni preliminari meta l-applikazzjoni tiegħu tqum quddiem qorti nazzjonali bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni³.

26. Id-domandi magħmula mill-qrati tar-rinviju jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(83) tal-GBER.

27. Għaldaqstant, l-ewwel għandhom jiġu stabbiliti r-raġunijiet għalfejn din id-dispożizzjoni hija rilevanti f'dawn il-kawżi.

28. L-għan tal-GBER huwa li jiddetermina sitwazzjonijiet li fihom għajnuna mill-Istat tista' titqies li hija kompatibbli mas-suq intern, anki meta ma tkunx innotifikata u ma tkunx ġiet approvata individwalment mill-Kummissjoni Ewropea. Il-kawżi quddiem il-qrati tar-rinviju, madankollu, ma jirrigwardawx il-kwistjoni dwar jekk l-għotjiet inkwistjoni kinux suġġetti għal notifika bħala għajnuna mill-Istat jew le. Minflok, jidher li l-Artikolu 2(83) tal-GBER sar rilevanti fi proċedimenti nazzjonali permezz tad-Digriet Nru 725, li fih id-definizzjoni mill-GBER intużat sabiex jiġu ddeterminati l-istituzzjonijiet eliġibbli għal għotjiet pubbliċi ta' riċerka.

29. Għalhekk, l-Artikolu 2(83) tal-GBER ma japplikax bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, iżda pjuttost bħala riżultat tal-għażla tal-Kunsill tal-Ministri Latvjan, espressa fid-Digriet Nru 725, li juża definizzjoni minn att ġuridiku tal-Unjoni għal skopijiet purament nazzjonali: id-determinazzjoni tal-eliġibilità għal għotjiet pubbliċi ta' riċerka.

30. Għalhekk, l-Artikolu 2(83) tal-GBER japplika bħala kwistjoni ta' dritt nazzjonali u mhux bħala kwistjoni ta' dritt tal-Unjoni.

³ Sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2013, Fish Legal u Shirley (C-279/12, EU:C:2013:853, punti 29 u 30), u tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 44); digriet tal-21 ta' Frar 2022, Leonardo (C-550/21, mhux ippubblikat, EU:C:2022:139, punt 11).

2. L-iskop tad-definizzjoni ta' "organizzazzjoni ta' rċerka u tixrid tal-għarfien" huwa differenti fil-GBER u fid-Digriet Nru 725

31. Jidher ukoll mir-referenzi u mill-osservazzjonijiet tal-partijiet li r-raġuni għall-għażla li tintuża d-definizzjoni mill-GBER tinsab fl-isforzi tal-Istat Latvjan sabiex jiżgura l-kompatibbiltà mar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

32. Għall-kuntrarju, ir-raġuni għall-inklużjoni tad-definizzjoni ta' "organizzazzjoni ta' rċerka u tixrid tal-għarfien" fil-GBER, kif ser nispejga, ma għandha ebda rabta mal-legalità jew mal-illegalità ta' għajnuna għar-rċerka mogħtija direttament lil tali organizzazzjonijiet.

33. Il-GBER ma jeskludix, fl-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-għajnuna għar-rċerka u l-iżvilupp, l-obbligu ta' notifika b'referenza għat-tip tal-entità benefiċjarja. Pjuttost, il-GBER jieħu approċċ funzjonali: hija l-għajnuna għall-attivitajiet ta' rċerka fundamentali, rċerka industrijali, żvilupp sperimentali u studji ta' vijabilità li tissodisfa kriterji oħra stabbiliti fit-Taqsima IV tal-Kapitolu III tal-GBER li hija eżentata mill-obbligu ta' notifika⁴ u għalhekk preżunta li hija kompatibbli mas-suq intern.

34. L-involvement ta' entità ddefinita bħala "organizzazzjoni ta' rċerka u tixrid tal-għarfien" fl-Artikolu 2(83) tal-GBER għandu rwol x'jaqdi fid-deċiżjoni dwar jekk notifika hijiex meħtieġa jew le, kif ser nispejga dalwaqt. Madankollu, din id-definizzjoni fiha nnifisha ma tinfluwenzax jekk l-għotja ta' rċerka mogħtija lil istituzzjoni ta' rċerka tkunx kompatibbli mas-suq intern.

35. Id-definizzjoni fl-Artikolu 2(83) tal-GBER hija rilevanti biss fir-rigward ta' ftit dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Kapitolu III tal-GBER. Fl-ewwel lok, kollaborazzjoni effettiva bejn organizzazzjonijiet ta' rċerka u ta' tixrid tal-għarfien u impriżi tista' twassal għal żieda fl-intensità permessa tal-għajnuna mill-Istat għal ċerti proġetti ta' rċerka⁵. Fit-tieni lok, l-għajnuna għall-innovazzjoni għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SME) tista' tkopri l-ispejjeż għall-kollokamenti ta' riċerkaturi bi kwalifiki għolja minn tali organizzazzjonijiet sabiex jaħdmu fuq il-proġett ta' SME benefiċjarja⁶. Fl-aħħar lok, għajnuna għar-rċerka u l-iżvilupp fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tista' tingħata biss direttament lil "organizzazzjoni tar-rċerka u tat-tixrid tal-għarfien"⁷. Dan jeżawrixxi l-każijiet li fihom id-definizzjoni ta' "organizzazzjoni tar-rċerka u tat-tixrid tal-għarfien" fl-Artikolu 2(83) tintuża fil-GBER.

36. Fl-aħħar, imkien fil-GBER ma hemm xi indikazzjoni li l-kunċett ta' "organizzazzjoni ta' rċerka u ta' tixrid tal-għarfien" għandu xi effett fuq id-definizzjoni ta' impriża għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE⁸. Jekk istituzzjoni bħal din twettaq attivitajiet ekonomiċi, din tiġi kklassifikata bħala impriża u l-għajnuna għar-rċerka li tirċievi tkun teħtieġ li tiġi approvata bħala kompatibbli mas-suq intern, jew f'kull każ individwali man-notifika jew awtomatikament mingħajr notifika, sakemm din tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-GBER.

⁴ Jekk jiġu osservati l-limiti tan-notifika stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(i)(i) tal-GBER.

⁵ Artikolu 25(6)(b)(i) tal-GBER. L-intensità tal-għajnuna mill-Istat hija perċentwali ta' finanzjament eliġibbli permezz ta' riżorsi tal-Istat għal tipi partikolari ta' proġetti. Pereżempju, l-intensità tal-għajnuna għar-rċerka industrijali li, taħt il-GBER, ma għandhiex għalfejn tiġi nnotifikata, hija ta' 50%. Madankollu, jekk organizzazzjoni ta' rċerka u ta' tixrid tal-għarfien tipparteċipa f'dak il-proġett, l-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied bi 15%, jiġifieri, sa 65% tal-ispejjeż kollha tal-proġett.

⁶ Artikolu 28(2)(b) tal-GBER.

⁷ Artikolu 30(5) tal-GBER.

⁸ Ara t-Taqsima IV.A.3. iktar 'il quddiem.

37. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament pubbliku tar-riċerka jkun kompatibbli mar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat u b'hekk jiġi evitat il-ksur ta' tali regoli minn deċiżjonijiet tal-Kunsill tax-Xjenza Latvjan, l-esklużjoni ta' organizzazzjonijiet ta' riċerka li jwettqu wkoll attivitajiet ekonomiċi ma hijiex meħtieġa. Skont is-sitwazzjoni, għajjnuna bħal din tista' tkun kompatibbli mas-suq intern.

38. Għandu jiżded li l-politika tal-Unjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat tiffavorixxi l-għajjnuna għar-riċerka. Ir-riċerka ttejjeb il-livell ta' għarfien fis-soċjetà u toħloq opportunitajiet ekonomiċi godda⁹. Madankollu, anki jekk ir-riżultati ta' proġetti ta' riċerka huma ġeneralment ta' benefiċċju għas-soċjetà, għadd ta' proġetti jista' jkollhom rata ta' qligħ mhux attraenti mill-perspettiva ta' investituri privati. Għalhekk, kif spjegat mill-Kummissjoni Ewropea, l-għajjnuna mill-Istat tista' "tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' proġetti li jwasslu għal benefiċċju soċjetali jew ekonomiku kumplessivi u li kieku ma jiġux segwiti"¹⁰. Meta jiġu indirizzati tali fallimenti tas-suq jew asimmetriji fl-informazzjoni jew fil-koordinazzjoni bejn entitajiet ta' riċerka differenti¹¹, għajjnuna għar-riċerka u l-iżvilupp hija ġeneralment meqjusa bħala kompatibbli mas-suq intern.

39. Fil-fehma tiegħi ma hemm l-ebda dubju li l-istituzzjonijiet privati ta' edukazzjoni oġhla jistgħu jikkontribwixxu għar-riċerka, għall-innovazzjoni u konsegwentement għat-tkabbir, bl-istess mod bħall-kontropartijiet pubbliċi tagħhom. Għalhekk ma nara l-ebda raġuni sabiex neskludi tali istituzzjonijiet bħala riċevituri potenzjali ta' għajjnuna għar-riċerka.

40. Il-programmi ta' finanzjament tar-riċerka tal-Unjoni stess ma jeskludux istituzzjonijiet privati ta' edukazzjoni oġhla mill-proġetti tagħha, bħall-fond Orizzont Ewropa¹² inklużi l-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie.

41. Dan premess, kif innota l-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, l-għażla tal-istituzzjonijiet eliġibbli għal għajjnuna għar-riċerka permezz ta' riżorsi pubbliċi fl-aħħar mill-aħħar taqa' għal kollox fuq l-Istat Latvjan. Dan jista' jagħżel li jeskludi l-istituzzjonijiet privati ta' riċerka u ta' tagħlim, li jipprovdu servizzi ta' tagħlim bi ħlas. Din id-deċiżjoni, madankollu, ma hijiex iddettata mid-dritt tal-Unjoni, u ċertament mhux mill-Artikolu 2(83) tal-GBER.

3. *Organizzazzjonijiet ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien u r-regoli tal-Unjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat*

42. Bħala benefiċjarji tal-finanzjament pubbliku tar-riċerka, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jistgħu tabilħaqq isibu ruħhom f'pożizzjonijiet differenti skont ir-regoli tal-Unjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat. Għandu jingħad li dawn ir-regoli japplikaw għall-organizzazzjonijiet ta' riċerka bl-istess mod kif japplikaw għal kull istituzzjoni oħra. Għalhekk, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jkun suġġetti għar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat sakemm ikunu jikkwalifikaw bħala

⁹ L-importanza tar-riċerka hija rikonoxxuta mill-Artikolu 179(1) TFUE kif ukoll fi programmi differenti tal-Unjoni. B'hekk, pereżempju, ir-riċerka kienet tokkupa post importanti fl-istrateġija għal tkabbir "Ewropa 2020" (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Ewropa 2020. Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. Brussell, 3 ta' Marzu 2010, COM(2010) 2020 finali u hija promossa fl-istrateġija għar-riċerka u l-innovazzjoni 2020-2024 (https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/strategy/strategy-2020-2024_mt?etrans=mt). Ara wkoll von Wendland, B., "New Rules for State Aid for Research, Development and Innovation: Not a Revolution but a Silent Reform", *European State Aid Law Quarterly*, 2015, Vol. 14(1), p. 25.

¹⁰ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Qafas għall-għajjnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni (ĠU 2014 C 198, p. 1) (iktir 'il quddiem il-"Qafas"), punt 49.

¹¹ *Ibid.*

¹² Artikolu 2(16) tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU 2021 L 170, p. 1).

impriżi. Madankollu, jekk ma jkunux jikkwalifikaw, dawn ikunu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE. Ir-regoli tal-Unjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat, għalhekk, ma japplikawx għal għotjiet ta' riċerka mogħtija lil organizzazzjonijiet ta' riċerka li ma jikkwalifikawx bħala impriżi.

43. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni impriża hija entità li tkun involuta f'attività ekonomika, fis-sens li tkun toffri prodotti jew servizzi fis-suq¹³. Il-klassifikazzjoni bħala impriża ma tiddependix fuq jekk l-entità tkunx stabbilita taħt id-dritt pubbliku jew privat jew jekk ikollhiex skop ta' lukru¹⁴. L-istess japplika, bħala prinċipju, għall-organizzazzjonijiet ta' ricerka¹⁵.

44. Il-klassifikazzjoni ta' entità bħala impriża hija relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll attivitajiet mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża fir-rigward tal-ewwel biss¹⁶. Għalhekk, l-ghajjnuna insostenn tal-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet ta' riċerka li huma kkunsidrati ekonomiċi tkun suġġetta għar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat, filwaqt li l-ghajjnuna insostenn tal-attivitajiet mhux ekonomiċi ta' dawn l-organizzazzjonijiet tkun barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regoli.

45. L-universitajiet huma normalment organizzazzjonijiet li jeżerċitaw kemm attivitajiet ta' riċerka kif ukoll ta' tixrid tal-għarfien permezz tat-tagħlim u l-pubblikazzjoni.

46. Il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet mill-kunċett ta' provvista ta' servizzi l-attivitajiet ta' tagħlim iprovduti minn istituzzjonijiet integrati fis-sistema ta' edukazzjoni pubblika u ffinanzjati b'mod predominanti minn fondi pubbliċi¹⁷. Attivitajiet bħal dawn, għalhekk, isibu ruħhom barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat. Bil-maqlub, l-attività ta' għoti ta' edukazzjoni ffinanzjata permezz ta' fondi privati¹⁸ tqieset mill-Qorti tal-Ġustizzja li tikkostitwixxi provvista ta' servizzi¹⁹. Għalhekk din kienet tikkostitwixxi attività ekonomika²⁰, sakemm il-fondi privati ma kinux ġejjin mill-fornitur stess²¹.

47. Organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tagħlim tista' fl-istess ħin twettaq attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi, pereżempju, billi toffri klassijiet bi ħlas bħala l-attività ekonomika tagħha, u billi twettaq riċerka fundamentali bħala l-attività mhux ekonomika tagħha. Din tidher li hija s-sitwazzjoni taż-żewġ universitajiet li huma r-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

¹³ Sentenzi tas-16 ta' Ġunju 1987, Il-Kummissjoni vs L-Italja (118/85, EU:C:1987:283, punt 7); tat-18 ta' Ġunju 1998, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-35/96, EU:C:1998:303, punt 36); u tad-19 ta' Frar 2002, Wouters *et* (C-309/99, EU:C:2002:98, punt 46).

¹⁴ Sentenzi tad-19 ta' Frar 2002, Wouters *et* (C-309/99, EU:C:2002:98, punti 46 u 47), u tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:496, punt 41).

¹⁵ Il-Qafas (Nru 10), punt 17.

¹⁶ Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:496, punt 44). Ara wkoll, Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' ghajjnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016 C 262, p. 1) (iktar 'il quddiem l-"Avviż"), punt 10.

¹⁷ Sentenzi tas-27 ta' Settembru 1988, Humbel u Edel (263/86, EU:C:1988:451, punti 17 sa 19), u tas-7 ta' Diċembru 1993, Wirth (C-109/92, EU:C:1993:916, punti 15 u 16).

¹⁸ Il-finanzjament jista' jiġi pprovdut mill-istudenti jew mill-ġenituri tagħhom, iżda wkoll minn terzi, peress li n-natura ekonomika tal-attività ta' tagħlim ma tiddependix mill-fatt li titħallas minn dawk li jibbenefikaw minnu. Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:496, punt 49).

¹⁹ Sentenzi tal-11 ta' Settembru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-318/05, EU:C:2007:495, punt 69), u tal-20 ta' Mejju 2010, Zanotti (C-56/09, EU:C:2010:288, punt 32).

²⁰ Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:496, punti 45 sa 48).

²¹ Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:496, punt 48).

48. Il-kwistjoni li tqum f'tali sitwazzjonijiet hija jekk kwalunkwe għajnuna mogħtija minn jew permezz ta' riżorsi tal-Istat lil organizzazzjoni li twettaq ukoll attivitajiet ekonomiċi neċessarjament tqeghedhiex fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE.

49. Fil-kuntest tal-edukazzjoni oġhla, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li dan ma huwiex il-każ. Jekk l-attivitajiet mhux ekonomiċi ta' organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien ikunu jistgħu jiġu distinti mill-attivitajiet ekonomiċi tagħha u jekk ikun jista' jiġi stabbilit li l-għajnuna tikkonċerna biss attivitajiet mhux ekonomiċi, tali trasferiment mir-riżorsi tal-Istat ma jitqiesx bħala għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE²².

50. B'mod iktar ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li "il-klassifikazzjoni bħala attività li taqa' taħt l-eżerċizzju tal-prerogattivi tal-awtorità pubblika jew bħala attività ekonomika għandha ssir separatament għal kull attività mwettqa minn entità partikolari"²³.

51. Il-Kummissjoni Ewropea aċċettat l-istess raġunament fil-Qafas. Għalhekk, hija spjegat li "[m]eta l-istess entità twettaq attivitajiet ta' natura kemm ekonomika kif ukoll mhux ekonomika, il-finanzjament pubbliku tal-attivitajiet mhux ekonomiċi mhux se jaqa' taħt l-Artikolu 107(1) [TFUE], jekk iż-żewġ tipi ta' attivitajiet u l-ispejjeż, il-finanzjar u d-dħul tagħhom jista' jiġi sseparat b'mod li jiġi evitat b'mod effettiv it-transsussidjar tal-attività ekonomika"²⁴.

52. Għalhekk, jekk organizzazzjoni ta' riċerka tkun involuta kemm f'attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi, il-finanzjament pubbliku jkun jaqa' taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat biss sa fejn dan ikun ikopri l-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet ekonomiċi. Il-Kummissjoni Ewropea tiddetermina dan billi tevalwa jekk il-finanzjament pubbliku allokat lil organizzazzjoni għal perijodu ta' kontabbiltà speċifiku jaqbix l-ispejjeż ta' attivitajiet mhux ekonomiċi mġarrba f'dak il-perjodu²⁵.

53. Barra minn hekk, jekk organizzazzjoni ta' riċerka tkun tipprovdi servizzi edukattivi bi ħlas iżda l-profitti kollha minn tali attivitajiet ikunu investiti mill-ġdid fl-attivitajiet primarji ta' riċerka, allura l-attivitajiet tagħha jkunu kkunsidrati bħala attivitajiet mhux ekonomiċi fl-intier tagħhom²⁶.

54. Għalhekk, il-kwistjoni dwar jekk għajnuna mogħtija lil organizzazzjoni ta' riċerka tkunx tammonta għal għajnuna mill-Istat tkun tiddependi mill-klassifikazzjoni tal-attività ffinanzjata bħala ekonomika jew mhux ekonomika. Jekk l-attività ffinanzjata tkun ta' natura mhux ekonomika, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma japplikawx, anki jekk l-istess entità twettaq ukoll attività ekonomika, li tkun, madankollu, separata b'mod ċar mill-attività ffinanzjata. Jekk l-attività ffinanzjata tkun ekonomika, tali finanzjament ikun għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE. Tali għajnuna tista' madankollu fl-aħħar mill-aħħar titqies kompatibbli mas-suq intern, u konsegwentement permessa.

55. Qarrej attent jinnota li l-Artikolu 2(83) tal-GBER ma ssemma mkien f'din it-taqsim. Dan għaliex ma għandu l-ebda rilevanza għall-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal għotjiet ta' riċerka mogħtija lil istituzzjonijiet ta' riċerka.

²² Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:496, punt 51). Ara wkoll Buts, C., Nicolaidis P., u Pirlet H., "Puzzles of the State Aid Rules on RDI", *European State Aid Law Quarterly*, 2019, Vol. 18(4), p. 489, fp. 494.

²³ Sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, MOTOE (C-49/07, EU:C:2008:376, punt 25).

²⁴ Il-Qafas (Nru 10), punt 18.

²⁵ Il-Qafas (Nru 10), punt 20 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 6.

²⁶ Il-Qafas (Nru 10), punt 19(b). Ara wkoll, l-Avviż (Nru 17), punt 32.

4. Konklużjoni interim: il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni

56. Fuq il-bażi ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, peress li d-dispożizzjoni tal-Unjoni li qiegħda tintalab l-interpretazzjoni tagħha tapplika biss bħala kwistjoni ta' dritt nazzjonali, u peress li din tapplika għal għan differenti minn dak li din isservi taħt id-dritt tal-Unjoni, nikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tirrispondi għad-domandi magħmula.

57. Ċertament, abbażi tal-ġurisprudenza Dzodzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li għandha ġurisdizzjoni f'sitwazzjonijiet fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali tadotta l-istess soluzzjonijiet f'sitwazzjonijiet ekwivalenti għal dawk irregolati mid-dritt tal-Unjoni. Il-leġiżlatur nazzjonali jiddeċiedi, f'każ bħal dan, li juża d-dritt tal-Unjoni sabiex jirregola sitwazzjoni nazzjonali ekwivalenti. F'xenarju bħal dan, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, sabiex jiġu evitati diverġenzi ta' interpretazzjoni futuri, huwa manifestament fl-interess tal-Unjoni li dispożizzjonijiet jew kunċetti meħuda mid-dritt tal-Unjoni jiġu interpretati b'mod uniformi, irrispettivament miċ-ċirkustanzi li fihom dawn għandhom japplikaw²⁷.

58. Pereżempju, fil-kawża Dzodzi stess, il-leġiżlatur Belġjan iddeċieda li jestendi l-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar sitwazzjonijiet transkonfinali għal sitwazzjoni ekwivalenti li kienet purament interna²⁸.

59. Eżempju ieħor ta' fejn il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat il-ġurisdizzjoni tagħha fuq il-ħtieġa għal interpretazzjoni uniformi f'kawżi li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni kien jirrigwarda sitwazzjonijiet li fihom l-Istati Membri estenda l-applikabbiltà tad-Direttiva dwar l-aġenti kummerċjali, applikabbli biss għall-bejgħ ta' merkanzija, ukoll għall-provvista ta' servizzi²⁹.

60. It-tielet eżempju ta' fejn intużat il-loġika tal-kawża Dzodzi jirrigwarda l-interpretazzjoni ta' ftehim imħallta. Fil-kawża Hermès, minkejja li dispożizzjoni ta' ftehim imħallat³⁰ kienet tapplika għal sitwazzjoni li ma kinitx taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kellha ġurisdizzjoni sabiex tinterpretaha minħabba l-applikazzjoni potenzjali tagħha għal sitwazzjonijiet ekwivalenti rregolati mid-dritt tal-Unjoni³¹. Fi kliem ieħor, kien hemm *interest tal-Unjoni* fl-interpretazzjoni uniformi ta' dispożizzjonijiet applikabbli għal sitwazzjonijiet ekwivalenti.

²⁷ Sentenzi tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi (C-297/88 u C-197/89, EU:C:1990:360, punt 41), u tat-18 ta' Novembru 2021, Visma Enterprise (C-306/20, EU:C:2021:935, punt 45). Għal ħarsa ċar u ddettaljata tal-ġurisprudenza Dzodzi, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża J & S Service (C-620/19, EU:C:2020:649, punti 27 sa 50).

²⁸ Sentenza tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi (C-297/88 u C-197/89, EU:C:1990:360, punt 43). Is-sitwazzjoni kienet tirrigwarda d-dritt idderivat ta' ċittadina ta' pajjiż terz, il-konjuġi ta' ċittadin Belġjan li kien jaħdem il-Belġju, li tirresjedi f'dak il-pajjiż. Sabiex jevita diskriminazzjoni retroattiva taċ-ċittadini tiegħu, il-Belġju ppreveda li d-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema jkun japplika wkoll għal sitwazzjonijiet purament interni.

²⁹ Sentenzi tas-16 ta' Marzu 2006, Poseidon Chartering (C-3/04, EU:C:2006:176, punti 11 sa 19); tat-28 ta' Ottubru 2010, Volvo Car Germany (C-203/09, EU:C:2010:647, punti 23 sa 28); tat-3 ta' Diċembru 2015, Quenon K. (C-338/14, EU:C:2015:795, punti 17 sa 19); u tas-17 ta' Mejju 2017, ERGO Poist'ovňa (C-48/16, EU:C:2017:377, punti 29 sa 32).

³⁰ Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80) (iktar 'il quddiem il-"Ftehim TRIPs").

³¹ Sentenza tas-16 ta' Ġunju 1998, Hermès (C-53/96, EU:C:1998:292, punt 32). Il-kawża kienet tikkonċerna miżura interim prevista mill-Ftehim TRIPs għal trademark tal-Benelux. Anki jekk tali trademarks ma kinux irregolati mid-dritt tal-Unjoni, l-istess dispożizzjoni tal-Ftehim TRIPs kienet potenzjalment applikabbli għat-trademarks tal-Unjoni.

61. Fl-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja rraġunat ukoll b'mod simili f'numru ta' kawżi li jaqgħu taħt tad-dritt tal-kompetizzjoni, li fihom regoli tal-Unjoni kienu ġew trasposti mil-leġiżlatur nazzjonali għal sitwazzjonijiet purament interni mingħajr ebda effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri³².

62. Raġuni importanti li tiġġustifika l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi kollha ċċitati iktar 'il fuq kienet l-ekwivalenza bejn, minn naħa, sitwazzjonijiet purament interni li għar-regolamentazzjoni tagħhom id-dritt nazzjonali kien jirreferi għad-dritt tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, sitwazzjonijiet tal-Unjoni li għalihom ir-regola rilevanti tal-Unjoni kienet stabbilita. Għall-kuntrarju, f'sitwazzjonijiet fejn l-iskop tar-regola tal-Unjoni ma kienx relatat mal-iskop li għalih din kienet intużat fil-kuntest nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li ma kellhiex ġurisdizzjoni³³.

63. Kif ġie spjegat fit-Taqsima IV.A.2. hawn fuq, id-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2(83) għandha għan kompletament differenti fil-kuntest tal-GBER milli fid-Digriet Nru 725. Għalhekk, huwa manifest li l-kawżi quddiem il-qrati tar-rinviju ma jikkostitwixxux sitwazzjoni nazzjonali ekwivalenti għal dik li tista' tqum taħt il-GBER.

64. Il-“ġurisdizzjoni tal-kawża Dzodzi” tistrieħ essenzjalment fuq żewġ rekwiżiti: l-interess tal-Unjoni f'interpretazzjoni uniformi u l-ekwivalenza bejn is-sitwazzjonijiet nazzjonali u tal-Unjoni inkwistjoni³⁴.

65. Anki jekk relattivament ftit kredibbli, wieħed jista' jargumenta li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(83) tal-GBER fil-kawżi preżenti hija fl-interess tal-uniformità tad-dritt tal-Unjoni. Huwa tabilħaqq possibbli li wieħed jikkonċepixxi sitwazzjonijiet li fihom l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-qrati nazzjonali jużaw din l-interpretazzjoni fl-applikazzjoni tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu III tal-GBER.

66. Madankollu, is-sitwazzjoni li fiha l-Artikolu 2(83) tal-GBER għandu jintuża fil-kawżi preżenti ma hijiex ekwivalenti għall-użu tiegħu fil-kuntest ta' dan ir-regolament. Għaldaqstant, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tinterpreta biss l-Artikolu 2(83) tal-GBER fil-kuntest tal-GBER innifsu u b'mod konformi mal-iskop speċifiku tiegħu, l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tagħti fil-kawża preżenti ma tistax, fl-opinjoni tiegħi, tkun ta' ebda użu għall-qrati tar-rinviju. Dan ikun jammonta għal taħlit tat-tuffieħ mal-larinġ.

³² Ara, pereżempju, is-sentenza tas-26 ta' Novembru 2015, Maxima Latvija (C-345/14, EU:C:2015:784, punti 12 sa 14); tal-21 ta' Lulju 2016, VM Remonts *et* (C-542/14, EU:C:2016:578, punti 16 sa 19); u tat-18 ta' Novembru 2021, Visma Enterprise (C-306/20, EU:C:2021:935, punti 41 sa 49).

³³ Ara. pereżempju, is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2020, J & S Service (C-620/19, EU:C:2020:1011, punti 44 sa 49).

³⁴ L-Avukat Ġenerali Bobek ppropona tliet kundizzjonijiet sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kawża Dzodzi tistax tiġi applikata sabiex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni f'kawżi li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. L-ewwel, id-dritt nazzjonali għandu jinkludi riferiment dirett u inkundizzjonat għad-dispożizzjoni tal-Unjoni li tkun qiegħda tiġi mitluba l-interpretazzjoni tagħha. It-tieni, ir-regoli tal-Unjoni estiżi mid-dritt nazzjonali għandhom joperaw f'kuntest funzjonalment u ġuridikament paragonabbli, fejn ikun hemm interess f'li tiġi ppreżervata uniformità kunċettwali, u fejn l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni tkun għadha tista' tkun ta' xi għajjnuna Prattika għall-qorti tar-rinviju. Fl-aħħar, il-qorti tar-rinviju għandha l-obbligu tispjega b'mod ċar kif iż-żewġ rekwiżiti msemmija iktar 'il fuq huma ssodisfatti fil-każ inkwistjoni, billi tindika d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni. Ara, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża J & S Service (C-620/19, EU:C:2020:649, punti 43 sa 45, 54 sa 61 u 71 sa 73).

67. Fl-aħħar, għandu jingħad ukoll li l-qrati tar-rinviju ma spjegawx, hekk kif meħtieġ mill-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'liema mod l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(83) tal-GBER tista' tkun rilevanti f'kuntest tad-dritt nazzjonali funzjonalment u ġuridikament differenti³⁵

68. Jien, għalhekk, tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tagħha fil-kawżi preżenti, peress li r-rekwiżit ta' sitwazzjoni nazzjonali ekwivalenti meħtieġ mill-ġurisprudenza Dzodzi ma huwiex issodisfatt.

69. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja madankollu tiddeċiedi li għandha ġurisdizzjoni, issa ser nittratta l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(83) tal-GBER.

B. X'inhi organizzazzjoni ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien fis-sens tal-Artikolu 2(83) tal-GBER?

70. L-Artikolu 2(83) tal-GBER jiddeskrivi “organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien” bħala entità li l-iskop ewlieni tagħha huwa li twettaq b'mod indipendenti riċerka (fundamentali, industrijali jew sperimentali)³⁶ jew li jxerrdu b'mod wiesa' riżultati tar-riċerka permezz tat-tagħlim, tal-pubblikazzjoni jew tat-trasferiment tal-għarfien.

71. Din il-“jew” enfasizzata toħloq konfużjoni.

72. Entità tista' twettaq biss jew b'mod predominanti r-riċerka? Din tista' tinvolvi ruħha biss jew b'mod predominanti fit-tixrid tal-għarfien? Jeħtieġ li twettaq ir-riċerka? Jeħtieġ li tinvolvi ruħha fit-tixrid tal-għarfien? Alternattivament, għandha timpenja ruħha kemm fir-riċerka kif ukoll fit-tixrid tal-għarfien, kif jista' jissuġġerixxi t-terminu “organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien”?

73. Fil-fehma tiegħi, il-frażi “skop ewlieni” għandha tinftiehem f'termini ta' attivitajiet li l-entità ġiet stabbilita sabiex twettaq fl-ewwel lok. Naturalment, jista' jkun hemm iktar minn attività primarja waħda.

74. Pereżempju, istituzzjonijiet bħalma huma universitajiet huma komunement stabbiliti kemm sabiex ixerrdu l-għarfien kif ukoll sabiex iwettqu riċerka. Kemm it-tagħlim kif ukoll ir-riċerka huma hawnhekk l-attivitajiet primarji tagħhom. L-istituzzjonijiet ta' riċerka jistgħu jkunu stabbiliti esklużivament għar-riċerka u jistgħu jxerrdu r-riżultati tagħhom f'pubblikazzjonijiet esterni. Għalhekk, ir-riċerka hija l-unika attività primarja tagħhom. Fl-aħħar, xi istituzzjonijiet, bħal skejjel tal-lingwi jew istituzzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali, jistgħu jkunu stabbiliti biss sabiex jgħallmu iżda dawn jistgħu wkoll iwettqu riċerka dwar, pereżempju, it-titjib tal-metodoloġija tat-tagħlim tagħhom. Madankollu, din it-tip ta' riċerka ma hijiex l-iskop ewlieni ta' istituzzjoni bħal din; f'dan ix-xenarju, ir-riċerka tkun biss strumentali u għalhekk anċillari għall-iskop ewlieni ta' tagħlim tal-istituzzjoni.

³⁵ Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2016, Ullens de Schooten (C-268/15, EU:C:2016:874, punt 55). Xi wħud iqisu li tali spjegazzjoni mill-qorti nazzjonali għandha tkun imposta bħala rekwiżit proċedurali għall-istabbiliment tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'sitwazzjonijiet tat-tip tal-kawża Dzodzi. Ara, pereżempju, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawżi magħquda Venturini *et* (C-159/12 sa C-161/12, EU:C:2013:529, punti 54 sa 62) u tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża J & S Service (C-620/19, EU:C:2020:649, punt 57).

³⁶ L-Artikolu 2(84) tal-GBER jiddefinixxi r-“riċerka fundamentali”, l-Artikolu 2(85) tiegħu jiddefinixxi r-“riċerka industrijali”, l-Artikolu 2(86) tiegħu jiddefinixxi l-“[i]żvilupp sperimentali”, u l-Artikolu 2(87) tiegħu jiddefinixxi l-“[i]studju ta' vijabilità”.

75. Meta wieħed iqis li d-definizzjoni fl-Artikolu 2(83) tal-GBER tinsab fit-taqsimu ta' dan l-artikolu intitolata "Definizzjonijiet għal Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni", jiena tal-fehma li r-riċerka għandha tkun waħda mill-iskopijiet ewlenin ta' "organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien".

76. Jekk entità jkollha r-riċerka bħala l-iskop ewlieni tagħha, hija tkun "organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien", irrispettivament minn jekk hijiex stabbilita taħt id-dritt pubbliku jew privat u irrispettivament mill-mod ta' finanzjament tagħha. Nifhem din tal-aħħar fis-sens li "organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien" tista' twettaq attivitajiet kemm ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi³⁷. Huwa rilevanti biss li r-riċerka indipendenti tkun fost l-attivitajiet primarji tagħha.

77. Madankollu, anki jekk tali entità tista', għalhekk, twettaq attivitajiet ekonomiċi, jista' jiġi konkluż mit-tieni sentenza tal-Artikolu 2(83) tal-GBER li xi wħud mill-attivitajiet ta' riċerka tagħha għandhom ikunu mhux ekonomiċi. It-tieni sentenza ta' dan l-artikolu tipprovdi: "[m]eta din l-entità tiżvolġi wkoll attivitajiet ekonomiċi, il-finanzjament, l-ispejjeż u d-dħul ta' dawn l-attivitajiet ekonomiċi jridu jitqiesu b'mod separat"³⁸.

78. Il-konklużjoni li attività ta' riċerka trid tkun mhux ekonomika, tal-inqas parzjalment, hija kkorroborata wkoll mill-komponent ta' tixrid tal-għarfien fid-definizzjoni taħt l-Artikolu 2(83) tal-GBER. Huwa inerenti fir-riċerka ta' natura mhux ekonomika li r-riżultati tagħha jkunu mxerrda b'mod wiesa' u pubblikament. L-aħħar sentenza ta' din id-dispożizzjoni ssostni din l-interpretazzjoni, peress li l-organizzazzjoni ta' riċerka ma tistax tagħti aċċess preferenzjali għar-riżultati tar-riċerka, pereżempju, lill-azzjonisti jew lill-membri tagħha.

79. Il-konklużjoni tiegħi li r-riċerka, bħala waħda mill-attivitajiet primarji, trid tkun mhux ekonomika tal-inqas parzjalment tirriżulta wkoll mir-rwol mogħti mill-GBER lil "organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien". Il-parteċipazzjoni ta' tali organizzazzjonijiet fi proġetti kollaborattivi jew ir-rwol ewlieni tagħhom f'ċerti tipi ta' riċerka jżidu l-probabbiltà tal-kompatibbiltà tal-għajnuna għar-riċerka mas-suq intern mingħajr notifika.

80. Nista', għalhekk, nikkonkludi mill-kliem tal-Artikolu 2(83) tal-GBER li "organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien" għandha twettaq riċerka li r-riżultati tagħha jkunu disponibbli pubblikament u tista' tittrasferixxi r-riżultati tar-riċerka permezz tat-tagħlim, tal-pubblikazzjoni jew ta' mezzi oħra. Sakemm ir-riċerka (jew parti minnha) titwettaq bħala attività mhux ekonomika, it-tagħlim jista' jiġi pprovdut bi ħlas.

81. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-attivitajiet primarji ta' organizzazzjoni, jistgħu jkunu utli diversi fatturi: l-istatut jew dokument kostituttiv simili tal-entità inkwistjoni, ir-rapporti annwali tagħha, u jekk l-entità tissodisfax il-kriterji fid-dritt nazzjonali sabiex tikseb l-istatus ta' istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla jew ta' riċerka (bħal akkreditazzjoni)³⁹, kif ukoll rapporti tal-awtorità nazzjonali tal-akkreditazzjoni. Peress li l-akkreditazzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla normalment jingħataw għal perjodu limitat u huma suġġetti għal tiġdid, deċiżjonijiet ta' riakkreditazzjoni jistgħu wkoll jitqiesu bħala okkażjoni sabiex tiġi ddeterminata l-attività primarja ta' entità.

³⁷ Il-Qafas (Nru 10) jipprevedi wkoll li organizzazzjoni ta' riċerka tista' twettaq attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi fl-istess ħin. Ara, pereżempju, il-punt 20 tiegħu.

³⁸ Enfasi tiegħi.

³⁹ Ara wkoll, Kleiner, T., "The new Framework for Research, Development and Innovation, 2007-2013", *European State Aid Law Quarterly*, 2007, Vol. 6(2), p. 231, fil-p. 238 u 239.

82. Fid-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża C-164/21, ġie ddikjarat li l-attività kummerċjali tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali hija permessa sa fejn ma tmurx kontra l-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Ogħla. Dan jista' jkun rilevanti wkoll għall-iżvelar tal-attività primarja tal-entità inkwistjoni.

83. Jekk organizzazzjoni twettaq ir-riċerka u t-tagħlim bħala l-attivitajiet primarji tagħha, ikun irrilevanti liema perċentwali ta' dawn l-attivitajiet ikun ekonomiku u liema ma jkunx ekonomiku għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tagħha bħala "organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien". Separazzjoni ċara tal-ispejjeż tal-attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi tkun rilevanti biss meta jiġi deċiż jekk għotja għar-riċerka mogħtija lil organizzazzjoni bħal din taqax fl-ambitu tar-regoli tal-għajjnuna mill-Istat.

V. Konklużjoni

84. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li hija ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mill-Administratīvā rajona tiesa (il-Qorti Amministrattiva Distrettwali, il-Latvja) u mill-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja).

85. Sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddikjarax li ma għandhiex ġurisdizzjoni, nipproponi li hija tirrispondi kif ġej:

- (1) Entità li l-attivitajiet tagħha jikkonsistu fir-riċerka u fl-edukazzjoni tista' tiġi kklassifikata bħala "organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien" fis-sens tal-Artikolu 2(83) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 [TFUE] jekk waħda mill-attivitajiet primarji tagħha tkun ir-riċerka indipendenti, li tkun tal-inqas parzjalment ta' natura mhux ekonomika, anki jekk xi wħud mill-attivitajiet tagħha jkunu ekonomiċi jew, fi kliem ieħor, anki jekk parti mid-dħul tagħha jkun jirriżulta mill-provvista ta' servizzi bi ħlas.
- (2) Il-proporzjon ta' finanzjament minn attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi ma huwiex rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk entità tkunx "organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien" taħt l-Artikolu 2(83) tar-Regolament Nru 651/2014.